# Sforz biex tinħatt il-memorja s

## Simon Mercieca jikkummenta dwar il-ktieb *PSI: Kingmaker* ta' Daniel Massa

Peter Serracino Inglott ma kellu l-ebda pretenzjoni ta' kif xtaq li l-figura tiegħu tidħol fil-memorja kollettiva tal-istorja, u wisq inqas qatt ħabbel rasu biex jimmanipula l-fatti storiċi, ħalli l-istorja tinkiteb kif jixtieqha hu aktar milli kif fil-fatt hi.

Jingħad x'jingħad fuqu, persuntu llum hi ikbar mill-istorja u għalhekk il-figura tiegħu se titwaħħad ma' figuri oħrajn li ffurmaw l-istorja ta' Malta tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Hemm min ifittex biex jara minn qabel kif il-figura tiegħu se tidħol fil-memorja tal-istorja tal-pajjiż.

Dawn huma dawk li jfittxu li jik-tbu l-awtobijografija tagħhom. Kull min jikteb awtobijografija jipprova jagħti l-verżjoni tiegħu tal-proċess storiku jew aħjar, il-mod ta' kif hu jixtieq jidħol fl-istorja, bħalma għamlu diversi, inkluż uħud miż-żewġ naħat tal-politika Maltija.

Hemm oħrajn li jippruvaw jevitaw dan l-appuntament mal-istorja u jiskuraġġixxu l-kitba ta' awtobijografija jew xi waħda awtorizzata minnhom, bħalma hu l-każ ta' Duminku Mintoff.

Hemm imbagħad it-tielet karattru, ta' dawk li jimxu fit-triq tan-nofs. Waqt li huma ma jkollhomx interess jew żmien biex jiktbu l-awtobijografija tagħhom, ma jiddejqux jagħtu spazju għal intervisti estensivi lil xi awtur jew awtriċi interessata li tikteb dwar ħajjithom. Fr Peter Serracino Inglott jidħol f'din it-tielet kategorija.

Fi ftit xhur wara mewtu rajnieh jiġi kkommemorat b'aktar minn ktieb wieħed. L-ewwel wieħed huma ġabra ta' kitbiet akkademiċi fuq temi filosofiċi, imsejjaħ *A Philosopher at Large*. It-tieni wieħed iġib l-isem ta' *PSI: Kingmaker*, xogħol ta' Daniel Massa. Dan il-ktieb ifittex li jibni bijografija politika ta' dan il-ħassieb u qassis Malti.

Il-ktieb ta' Daniel Massa hu bijografija miktuba fuq linja msejħa *Deconstruction* jew tħattiħ kif ġiet esposta minn Jacques Derrida fl-1967 fil-kitbiet tiegħu *Of Grammatology*. F'dan il-ktieb Derrida joħroġ bi prinċipji ġodda dwar it-teorija filosofika tal-lingwa. Fi kliem aktar sempliċi, Derrida juri l-bżonn li wieħed għandu jħott il-memorja storika mħaddna minn komunità biex tkun tista' tinbena oħra ġdida.

Dan hu dak li fittex jagħmel Daniel Massa f'dan il-ktieb tiegħu dwar il-ħajja ta' Peter Serracino Inglott. Għal Massa, PSI (li hu l-anokrimu ta' ismu u li kien jużah f'memos li kien jikteb) jidher bħala persuna Makkjavellika. Żgur li ħafna jaqblu ma' din l-idea, iżda Massa jmur oltre minn hekk. L-istess titlu tal-ktieb jippreżenta lil PSI bħala xi annimal politiku, iżda qabel kollox, PSI kien qassis, u ra l-politika bħala estensjoni tal-ħidma pastorali ta' qassis. Fuq kollox ix-xjenza moderna tas-soċjoloġija u dik politika nbniet fuq kunċetti teoloġiċi tal-punent biex laħqet dimensjoni reliġjuża. Jingħad x'jingħad, il-Bibbja u b'mod speċjali, l-erba' Evanġelji, huma qabel kollox trattat politiku.

F'dan il-kuntest, din il-viżżjoni tista' taħsad lil xi wħud, anki jekk bħalma jiġri ma' kull personaġġ ta' stoffa, il-figura tiegħu ssofri minn dan l-istil ta' kitba. Matul ħajtu, PSI kellu ħafna nies li faħħru u anki lagħaqu biex ikunu jistgħu jilħqu. Wara mewtu, speċjalment issa, ħafna minn dawn huma fuq quddiem biex jitkellmu ħażin dwaru.

### Regoli xjentifiċi rigorużi

L-analiżi tiegħi ta' dan il-ktieb se tmur lil hinn mit-teoriji ta' Derrida. L-istorja għandha wkoll ir-ritmi u regoli tagħha, waqt li l-kitba tal-bijografiji titlob ukoll li tkun immexxija minn regoli xjentifiċi rigorużi biex ikollha rispett akkademiku. F'dan il-kuntest, ir-rigorożità xjentifika kienet nieqsa, għaliex numru ta' ġrajjiet, kif deskritti minn Massa, dwar ħajjet Fr Peter, huma surreali, jew addirittura fantastoriċi.

Numru ta' stejjer huma totalment l-oppost għal ġrajjiet kif kien jirrakkontahom Peter innifsu. Jien kelli l-unur li ħdimt ma' Fr Peter Serracino Inglott għal aktar minn 10 snin, inservi bħala direttur tal-Istitut tal-Mediterran li hu stess kien waqqaf, u numru ta' stejjer nafhom totalment b'mod differenti.

Waqt li Peter Serracino Inglott kellu d-don tar-rakkont, l-istess storja dejjem kien jirrakkontaha l-istess, jgħidha meta jgħidha. Għalhekk, kien ta' skantament għalija li ċerti stejjer f'dan il-ktieb ġew rakkontati totalment differenti minn kif kont imdorri nismagħhom jiġu rakkontati minn Fr Peter innifsu u mill-mod kif kont nifhimhom jien. Hawn wieħed jistaqsi jekk il-metodoloġija storika ta' dan ix-xogħol hix korretta jew le.

Żgur li dan il-ktieb ma jsegwix ir-regoli marbuta mal-kitba tal-istorja bijografika li llum għandha r-regoli akkademiċi tagħha. F'dan il-qasam, il-kitbiet tal-filosfu Awstrijak Ludwig Wittgenstein u trattat tiegħu *Philosophical Investigations*, isiru għodda ta' ħsieb importanti fit-trasmissjoni tal-memorja kollettiva u tal-użu tal-lingwaġġ storiku.

> **Qabel kollox, PSI kien qassis, u ra l-politika bħala estensjoni tal-ħidma pastorali ta' qassis**



"Numru ta' ġrajjiet dwar ħajjet Fr Peter, huma surreali, jew addirittura fantastori

Wittgenstein stess kien induna, li meta dan il-lingwaġġ ma jitħaddimx tajjeb, ma' jirriflettix r-realtà tal-ħajja kif għexha l-protagonist. Meta jiġri dan kollu, ix-xogħol jispiċċa jabolixxi kull kunċett ta' rappreżentanza storika. (Wittgenstein – *Philosophical Investigations* – p. 518). Il-qarrej ikollu jassisti għall-proċess storiku, li Wittgenstein qiesu bħala l-inkulturazzjoni tas-soċjetà b'lura *(The enculturation of society in reserves)*. It-tħaddim ta' din il-metodoloġija ta' kitba se twassal għat-tmiem tal-istess Umaniżmu modern, fejn l-istorja ma tibqax aktar waħda ta' fatti iżda ta' perċezzjonijiet ta' fatti.

### Immaġni differenti tal-protagonist

Dan hu s-sentiment li jien ħassejt meta bdejt nifli dan il-ktieb. Meta bdejt naqra, aktar ħassejt li l-interess tal-awtur kien li jipproduċi xogħol voluminuż ta' aktar minn 900 paġna u biex jagħmel dan segwa l-mudell tat-*tabloids* Ingliżi. Il-mod ta' kif il-kittieb ta' dan ix-xogħol juża l-konverżazzjonijiet ma' PSI, isegwi mudelli litterarji magħrufa bħala *name-dropping* u *gossiping*. Iżda dan l-istil jaħdem għall-artikli qosra. Meta jiġi użat lilhinn mill-kitba ġurnalistika, inaqqas mis-saħħa tar-rakkont storiku.

Din il-kitba hi mmexxija minn loġika maħsuba biex tirriproduċi aħbarijiet sensazzjonali ħalli twassal immaġni differenti tal-protagonist minn dik li hi magħrufa sa issa. Iżda l-mod xejn ortodoss u lanqas eleganti kif ġew rakkuntati ċerti ġrajjiet u fatti, speċjalment fejn jidħol mard u sofferenzi ta' terzi persuni, inkluż ukoll l-aħħar marda ta' Fr Peter, jikser kull regola tal-privatezza u dekor, kif ukoll ta' etika lejn il-persuna umana.

Jekk xejn din it-tip ta' kitba ġġib għar-redikolu kull liġi u regolament li sar ta' *data protection*, u din il-kitba turi kemm din il-liġi hi sors ta' redikolaġni akkademika, kif fil-fatt hi.

Lanqas ġrajjiet ta' ħajjet nies privati, bħalma hu xi każ ta' annullament, ma naħseb li kien posthom f'dan il-ktieb, minbarra li dawn ma ġewx maħduma fir-reqqa tal-metodoloġija storika, jiġifieri segwiti minn intervisti mal-protagonist jew protagonist tal-ġrajja li ħaddieħor qed jirrakkonta dwarhom. Jekk mhux agħar, dawn spiċċaw rakkuntati b'mod differenti mill-mod kif kien jirrakkuntahom l-istess Fr Peter.

Fuq kollox ċerti fatti lanqas ġew mgħoddija mill-kontro-eżami tal-istorja. Se nsemmi wieħed biss, minn ħafna, bħala eżempju storiku ta' dak li qed ngħid. Ranier Fsadni ġie deskritt bħala n-neputi ta' PSI (p. 788), meta fil-fatt hu s-sekonda kuġin tiegħu!

# …a ta' Fr Peter?



Lanqas m'hu korrett jew għall-inqas jeżistu memorji kollettivi differenti tal-avvenimenti dwar Ħal Tarxien jew dak li jingħad dwar Ġemma Cachia, fejn hawn teżisti aktar perċezzjoni ta' fatti milli l-fatti nfushom u anki hawn għandi stejjer li huma marbuta mal-memorja tal-familja tiegħi, għaliex il-knisja l-antika tal-Erwieħ, ma kienet xejn għajr garaxx kbir li kien jappartjeni għaz-zijiet ta' missieri u kienu krewh lil Dun Ġużepp Theuma biex jużah bħala knisja.

F'dan il-garaxx kien iqaddes Fr Peter. Wara dan il-post kien hemm stalel, waħda minnhom f'għar u Fr Peter xtaq jużahom biex fihom iwaqqaf din il-komunità li jitkellem dwarha Massa. (Inċidentalment dan id-dettall ta' parentela tiegħi mas-sid ta' dan il-post lanqas Fr Peter ma kien jaf bihom u kont għidthulu ħafna wara li kont ilħaqt direttur. Qed ngħid dan biex inwarrab kull kunċett ta' teorija ta' konspirazzjoni li dan l-ktieb hu mimli minnhom).

Ma nafx jekk l-awtur fittixx l-opinjoni ta' din il-persuna dwar l-istess ġrajjiet li hu qed jirrakkonta. Fuq kollox, persuna oħra infurmata sew ta' dawn il-fatti u r-rabta mal-Beatu Anġeliku f'Milan hu Fr Dijonisju Mintoff. Raġuni jew raġunijiet veri għal dan il-proġett (għall-inqas kif jingħadu fil-familja tiegħi) kienu aktar marbuta mal-għira u biża' klerikali li xi ħadd jitlef postu milli ma' affarijiet oħra.

Dak li hu importanti dwar Ħal Tarxien hu l-fatt li Fr Peter beda l-karriera 'filosofika' f'għar jew stalla, li kien jinsab wara dan il-garaxx li għal ħafna snin serva ta' kappella. Inċidentalment, kemm Kristu u Platun bdew il-karriera bl-istess mod.

**Fatti differenti**

Din l-istess kritika tista' tiġi estiża għal aktar fatti rakkontati f'dan il-ktieb u meta se jiġri dan jispiċċaw joħorġu fil-beraħ fatti differenti minn dawk ir-rakkontati mill-awtur ta' din il-bijografija.

Dan hu ktieb li qed jiġi pubblikat wara l-mewt tal-istess Peter Serracino Inglott, iżda x-xewqa tal-awtur li jippubblika sar a skapitu ta' edittjar sew tal-istess ktieb. L-awtur jagħmel numru ta' intervisti iżda mbagħad ma jagħtina tagħrif xejn tad-dati meta saru dawn l-intervisti, dettall storiku importanti meta tqis li ċerti intervisti saru ma' persuni avvanzati fl-età barra li jagħtu lill-qarrej u r-riċerkaturi futuri punti ta' referenzi korretti għall-analiżi tagħhom.

Iżda dawn l-intervisti ma naħsibx li ħarġu biżżejjed l-istampa ta' nies li dejjem irriċiklaġġaw ruħhom mill-indipendenza. In-numru tagħhom huwa impressjonanti ħafna. Matul dawn l-aħħar 40 sena, eżistiet sezzjoni ta' soċjetà jew klikka li dejjem gawdiet a skapitu ta' oħrajn u dan seħħ irrispettivament minn bidliet fil-gvern.

Massa żgur li ma kienx wieħed minn dawk li mar ħażin wara l-1987, iżda fuq dawn l-affarijiet jaf aktar minn dak li kiteb. Żgur li hu kien wieħed minn dawk li Fr Peter kellu stima kbira lejhom. Zgur li mhux il-Laburisti kollha fl-Università jħarsu lejn dan iż-żmien bħala xi wieħed ikraħ għalihom u dawk il-Laburisti li verament ma kinux jaraw għajn m'għajn ma' Fr Peter kienu ftit ħafna.

Iżda d-dahqa hi li daqs kemm marru tajjeb numru ta' Laburisti grazzi għal Fr Peter, ma mar ħadd. Din ftit jitkellmu dwarha għaliex Fr Peter dejjem kien assoċjat mal-Partit Nazzjonalista. Iżda, hu fatt, li bħalma ħafna Nazzjonalisti kienu jfittxu l-pariri tiegħu, kien hemm esponenti Laburisti li kienu wkoll imorru għandu.

L-aktar student li Fr Peter kien iqisu s-suċċessur tiegħu, illum hu esponent importanti fil-Partit Laburista. Numru minnhom marru tajjeb bla ma kien jisthoqqilhom. F'ħafna mill-każijiet Fr Peter ipprova jgħinhom, jew għax ħass ħniena lejhom, bir-riżultat li xi wħud minnhom żammew l-imperi ekonomiċi, politiċi u finanzjarji li kienu bnew. Oħrajn għax verament kien jisthoqqilhom. Iżda din hi storja li għad trid tinkiteb, jekk qatt tinkiteb.




**"Fil-verità, il-ħolma ta' Fr Peter kienet li Malta tidħol fl-Ewropa. Din kien ħolomha hu waħdu qabel kulħadd"**

Stennejt li se nsibha b'aktar dettall f'dan il-ktieb.

F'xi każijiet, il-kuntatt seħħ permezz ta' intermedjarji. Xi drabi oħra b'mod dirett. Fr Peter ipprova jgħin mingħajr l-ebda interess personali jew għal xi skop ta' lukru, iżda biss minn sens ta' altruwiżmu lejn l-oħrajn u minħabba f'hekk xi drabi spiċċa jiġġieled ma' terzi. Meta kien jgħin kien jagħmel hekk għax kellu fiduċja fil-persuna jew b'rispett kbir lejn il-mara (jew l-eks mara) tal-istess persuna li qed tfittex l-għajnuna.

F'dan il-kuntest, in-nisa kellhom rowl importanti biex numru ta' persuni żammew rashom fuq għonqhom, bla ma kien jisthoqqilhom, matul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Fost dawk li gawdew hemm anki ministru preżenti importanti tal-gvern, biss dawn l-istejjer lanqas b'nemes ma jidħru f'dan il-ktieb.

**Ħolma li ħolom qabel kulħadd**

Għalhekk hu skorett li wieħed jgħid li Fr Peter ried iħalli lil-Lejber f'oppożizzjoni. Anzi ħadem b'mod indirett biex il-Lejber ikollu grupp ġdid ta' intellettwali ġewwa fih. F'xi każi mexxielu. F'oħrajn mar żmerċ bil-kbir u dawn saru l-ikbar għedewwa tiegħu. Xi dikjarazzjoni li Fr Peter għex biex iżomm lil-Lejber barra mill-gvern tista' llum togħġob li xi ġurnal bħat-*Times of Malta*, għaliex tidħol fil-missjoni ġdida ta' oskurantiżmu politiku.

Fil-verità, il-ħolma ta' Fr Peter kienet li Malta tidħol fl-Ewropa. Din kien ħolomha hu waħdu qabel kulħadd, ħadem għaliha *single handedly* u wasal biex wettaqha, grazzi għas-sapport inkondizzjonat li tah Eddie Fenech Adami, u minħabba f'hekk kellu jbati minn gambetti ta' esponenti tal-istess Gvern Nazzjonalista, li xi wħud minnhom illum iridu jieħdu l-merti bħala s-salvaturi ta' Malta Ewropea.

Fil-verità, ħadd fil-Partit Nazzjonalista ma kien kapaċi jagħmilha. Meta żżattat xi ħadd, froġa biss għamel jekk mhux ukoll 'derailed' il-proċess kollu lejn l-Ewropa. Id-daħqa hi li kull darba li twarrab Fr Peter mill-Partit Nazzjonalista, il-Partit Nazzjonalista tilef bil-kbir.

Iżda għal Father Peter, dawn it-telfiet kienu wkoll rebħiet, għaliex dawk li l-aktar għajruh illum qed iħaddnu l-istess ideali Ewropej li ħaddan hu. Anki jekk hu ma għex biex jara dan il-mument, wara tant tgħajjir u insulti, l-istess Partit Laburista spiċċa jaħseb bħalu, mhux biss għaliex spiċċa jħaddan is-sħubija ta' Malta fl-Ewropa, iżda wkoll għaliex spiċċa jagħmel kampanji politiċi fuq il-mudelli li introduċa hu u b'hekk spiċċa partit rebbieħ.

Għalhekk, kull attentat storiku li sar u se jsir biex tkun skreditata l-memorja tiegħu, min-nies li ma humiex storiċi, se jwassal biss biex ikunu skreditati huma fil-ġudizzju tal-istorja.

Naħseb li l-kliem tal-Profeta Isaija jgħodd ħafna għal Peter Serracino Inglott illum aktar minn qatt qabel: "iġġibux iżjed offerti fiergħa; sirt nistkerrhu l-bħur, il-qamar ġdid, is-sibt, u l-laqgħat li ssejħu: ma niflaħx għall-ħażen flimkien mal-festi." (Isaija Kap. 1. 13).